**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kammarrätten i Stockholm — Migrationsöverdomstolen — l-Isvezja) — Migrationsverket vs Nurije Kastrati, Valdrina Kastrati, Valdrin Kastrati**

**(Kawża C-620/10)** [1]

***(Sistema ta' Dublin — Règolament (KE) Nru 343/2003 — Proċedura ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mill-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil — Ċittadini ta' pajjiż terz fil-pussess ta' viża valida maħruġa mill-Istat Membru responsabbli fis-sens ta' dan l-istess regolament — Applikazzjoni għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat responsabbli skont dan ir-regolament — Applikazzjoni għal permess ta' residenza fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat responsabbli wara l-irtirar tal-applikazzjoni għall-ażil — Irtirar li seħħ qabel ma l-Istat Membru responsabbli jkun aċċetta l-inkarigu — Irtirar li jtemm il-proċeduri stabbiliti mir-Regolament Nru 343/2003)***

(2012/C 174/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Kammarrätten i Stockholm — Migrationsöverdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Migrationsverket

*Konvenuti:* Nurije Kastrati, Valdrina Kastrati, Valdrin Kastrati

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Kammarrätten i Stockholm — Migrationsöverdomstolen — Interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(5), kif ukoll tal-Artikoli 5(2) u 16(3) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, tat-18 ta' Frar 2003, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109) — Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-regolament f'każ ta' rtirar ta' applikazzjoni għall-ażil — Irtirar ta' applikazzjonijiet għall-ażil ippreżentati minn ċittadini ta' pajjiż terz fi Stat Membru A, matul il-proċedura ta' determinazzjoni tal-Istat responsabbli mill-eżami tal-applikazzjoni skont l-imsemmi regolament u wara l-aċċettazzjoni minn Stat Membru B tar-responsabbiltà għall-applikanti — Deċiżjoni tal-awtorità kompetenti fi Stat Membru A li tiċħad l-applikazzjonijiet għall-ażil u li timplementa l-proċedura ta' trasferiment tal-applikanti lejn l-Istat Membru B, indipendentement mill-fatt li l-applikazzjonijiet għall-ażil ippreżentati fl-Istat Membru A kienu ġew irtirati

**Dispożittiv**

*Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, tat-18 ta' Frar 2003, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-irtirar ta' applikazzjoni għall-ażil fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tiegħu, li jseħħ qabel ma l-Istat Membru responsabbli mill-eżami ta' din l-applikazzjoni jkun aċċetta li jieħu inkarigu tal-applikant, għandu bħala effett li dan ir-regolament ma japplikax iktar. F'każ bħal dan, huwa l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata li għandu jieħu d-deċiżjonijiet fir-rigward ta' dan l-irtirar u, b'mod partikolari, li jtemm l-eżami tal-applikazzjoni billi jinserixxi nota relatata magħha fil-fajl tal-applikant.*

[1] ĠU C 72, 05.03.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad — Varna — il-Bulgarija) — "Balkan and Sea Properties" ADSITS (C-621/10), Provadinvest OOD (C-129/11) vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane I upravlenie na izpalnenieto" — Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite**

**(Kawżi magħquda C-621/10 u C-129/11)** [1]

***("VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 73 u 80(1) — Bejgħ ta' beni immobbli bejn kumpanniji konnessi — Valur tat-tranżazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li għat-tranżazzjonijiet bejn persuni konnessi tipprovdi li l-ammont taxxabbli għall-finijiet tal-VAT huwa kkostitwit mill-valur fis-suq miftuħ tal-operazzjoni")***

(2012/C 174/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad — Varna

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* ADSITS 'Balkan and Sea Properties' ADSITS (C-621/10), Provadinvest OOD (C-129/11)

*Konvenut:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane I upravlenie na izpalnenieto" — Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Administrativen sad — Varna — Il-Bulgarija — Interpretazzjoni tal-Artikolu 80(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Kumpanniji konnessi li kkonkludew kuntratt ta' bejgħ ta' beni immobbli — Leġiżlazzjoni nazzjonali